# IT-TENUR MALTI PAUL ASCIAK

Paul Asciak twieled f'Jannar tal-1923 fl-appartament tal-ġenituri tiegħu fi Strada Teatro, il-Belt. Kien il-kbir minn għaxart itfal. Il-ġenituri tiegħu kienu Michael u Spiridiona. Missieru serva bħala kok mar-Royal Navy fl-Ewwel Gwerra Dinjija u wara fil-Forti Sant'Anġlu. Bħala Belti, Paul kellu għal qalbu ferm il-festa ta' San Pawl u kien jirrikorri f'dik il-knisja ta' kuljum u qatt ma tilef xi okkażjoni, lanqas ta' festa.

Minn **CHARLES B. SPITERI**



Paul spiss kien jirrakkonta li darba, f'għaxija xitwija għadda minn ħdejn it-Teatru Rjal u beda jara lin-nies neżlin mgħaġġlin biex ikunu minn tal-ewwel li jidħlu. Isemmi li l-irġiel kienu kollha lebsin it-tomna, kowtijiet suwed u mufflers bojod bil-frenża. In-nisa bl-ilbies ta' filgħaxija, bil-ġojjelli u furs mill-ifjen biex jilqgħulhom il-kesħa. In-nobbli kienu jitwasslu bil-karozzelli tagħhom, miġbudin minn żiemel jew tnejn.

Gianni Borg, li kien jaħdem fit-teatru bħala extra, u li ġieli kellu xi biljett kumplimentari, kien għaraf f'Paul l-interess li kien qed jieħu. Għalhekk darba resaq lejn ommu u staqsieha taċċettax li jieħu lil binha għal opra. Imbagħad Gianni mexa ma' Paul fi Strada Merkanti u qagħad jispjegalu l-istorja ta' Aida u l-parti li kellu hu bħala Isir Etjopjan. Sablu post mill-aqwa u qallu jistennieh sa tmiem il-wirja, fejn imbagħad jerġa' jmur għalih. Iżda l-opra ma laqtitu xejn. Meta fl-1935 ġiet l-opra Cecilia, miktuba u diretta minn Mgr Licinio Refice, il-familja Asciak marret kollha. U l-istorja tant daħlet f'Paul li ħallietlu impressjoni qawwija. Minn dakinhar, Paul beda jattendi l-opri kollha.

### Min-namur għaż-żwieġ

Kien fis-snin 40 li lil Paul insibuh mistieden għat-tieġ ta' ħabib Irlandiż fejn iltaqa' ma' Carolina Ricci, il-ħabiba tal-għarusa. Staqsieha x'diska kienet se ddoqq u dik wegbitu: Vesti la giubba ta' Caruso. Minn hemm bdiet imħabba li wasslithom għaż-żwieġ.

Sadanittant, meta fl-1943, waqt il-gwerra, ma kienx ikun hemm ħbit mill-ajru, Paul, li kien jaħdem Ta' Qali, ġieli niżel bir-rota sa Birkirkara, fejn xi ħbieb, b'kitarri u mandolini kienu jdoqqu u jkantaw. Paul kien idoqq l-accordion.

Fl-1942, meta kellu 19-il sena, Paul beda l-lezzjonijiet tiegħu tal-kant. L-għalliem kien Nicolò Baldacchino. Dan kien twieled Malta, iżda tħarreġ f'Milan. Nicolò kien iħeġġu jistudja biex ikun jista' jkanta quddiemu u jidher quddiem il-familja ta' Rina. Hu għamel hekk wara l-ewwel ħames lezzjonijiet.

Minħabba l-gwerra, Paul u Rina qajla kienu jiltaqgħu, iżda hekk kif spiċċat, kienet storja oħra. Madanakollu, waqt li hi kienet tieħu gost fil-preżenza ta' Paul, ma kinitx turi passjoni għall-opra. U dan minkejja li nannuha, Raffaele Ricci, kien surmast tal-banda.

### L-ewwel kant fil-pubbliku

Kmieni fl-1945 iżżewġu u marru joqogħdu f'appartament fi Triq Merkanti kantuniera ma' Triq l-Arċisqof. Kellhom tliet subien: William, Ronald u Marion, li twieldu bejn l-1945 u l-1948.

S'issa, il-kant sar il-passatemp tiegħu u beda jieħu t-tliet lezzjonijiet ma' Baldacchino bis-serjetà. Beda jkollu wkoll l-ewwel opportunitajiet biex ikanta fil-pubbliku għalkemm wara l-gwerra, flok għall-opri bdew jattendu għall-films fiċ-ċinemas.

F'dawk iż-żminijiet, Oreste Kirkop, student ieħor ta' Baldacchino għamel isem għalih bħala Turiddu meta kanta flok it-tenur John Lopez, fir-Radio City l-Ħamrun u wara kompla jkanta kanzunetti Franċiżi u Taljani.

Paul ukoll għamel l-ewwel debutt tiegħu fir-Radio City Opera House bħala Turiddu. Dan kien fit-8 ta' Diċembru tal-1946. Hemm saħħar lill-udjenza. Hu ma xtaqx ikompli jkanta, għalkemm f'dak il-perjodu, hu u martu kienu jmorru l-Café Premier u għad-daqq li kien isir, Paul kien jispiċċa jitla' jkanta, u dan għax Croce Bonaci, il-proprjetarju, beda jorganizza d-daqq u l-kant hemmhekk fl-1946. Fis-sajf, il-briju kien isir fi Pjazza Reġina. F'Novembru tal-1946 kanta arji minn Andrea Chenier, La Fanciulla del West u kanzunetti oħra ta' Tosti.

Wara l-t-Tieni Gwerra Dinjija u sewwasew lejn tmiem l-1948, bi ftehim mal-Gvern, id-direttur Taljan Luigi Cantoni ġie Malta, mhux biss biex jippreżenta l-aqwa xogħlijiet Taljani iżda biex jinkuraġġixxi t-talent lokali. Sema' bosta kantanti u għażel tlieta jew erbgħa. Paul u Oreste Kirkop kienu fosthom. Lil Paul, Cantoni għallmu l-partijiet prinċipali, biex f'każ ta' ħtieġa jdaħħlu fil-kumpanija tiegħu.

### Karriera bla mistenni

Lil Kirkop tah il-parti tad-Duka fir-Rigoletto u lil Paul tah Radames fl-Aida. Iż-żewġ tenuri bdew il-karriera tagħhom bla mistenni; ta' Paul ftit iktar tard. Kien fis-6 ta' Jannar, 1950 meta l-Impresa Cantoni kienet Malta għal staġun qasir fir-Radio City Opera House, Rina wieġbet għat-taħbit fuq il-bieb. Bl-iskantament tagħha sabet raġel xiħ Taljan, b'nifsu maqtugħ, jistaqsi għal żewġha. Għalkemm kellu fuq is-70 sena, Cantoni tela' aktar minn 90 targa biex jipperswadi lil Paul jaħdem il-parti ta' Radames.

"Meta?" staqsieh Paul. "Illejla," wieġbu s-surmast, "it-tenur tiegħi ma jiflaħx u neħtieġek." Iżda kontra qalbu, Paul aċċetta, minkejja li qatt ma kien kanta dik il-parti fuq palk u lanqas kellu ċans jgħaddiha fi prova. Fil-fatt, skont il-kritiku Vincenzo Pellegrini, Paul deher nervuż għall-bidu, iżda fl-aħħar ingħata applaws enormi għall-ħila li wera.

Dik il-wirja ġabet mill-ġdid lil Paul taħt l-attenzjoni ta' kulħadd, tant li meta xahrejn wara, Tito Schipa ġie biex jagħti żewġ kunċerti mill-aqwa, Paul kien mistieden ikanta. Hu mar u aktar tard kien mistieden ikanta f'wieħed miż-żewġ kunċerti li kienet se tagħti Maria Caniglia. Iltaqa' mal-akkumpanjatur tagħha Giuseppe Camilleri, li bl-ilsien Malti qal lil Paul biex waranofsinhar imur għandu biex jgħallmu ftit. Anki Caniglia wegħditu li tgħinu. Din iddedikat l-aħħar għoxrin sena ta' ħajjitha tgħaddi s-sigrieti talkant lill-kantanti żgħażagħ. U ma' Paul żammet kelmitha.

### Telegramma għal Ruma

Għaxart ijiem wara l-kunċert Paul irċieva telegramma biex imur Ruma. Hu ma xtaqx jitlef din l-opportunità, iżda kif kien se jipperswadi lil martu biex imur, meta diġà kellhom familja u riedet tmexxiha weħidha hi waqt li hu jkun Ruma?

Carmel Degabriele, pitkal il-Marsa, li kien jaf lil Paul mix-xogħol tiegħu mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, sema' bl-offerta li Caniglia għamlet lil Paul, u kien jaf bil-problemi li kellu ħabibu. Għalhekk stieden kemm-il darba lil Rina u pperswadieha tħalli lil Paul imur jitgħallem fl-Italja u wegħidha li jgħin lill-familja tagħha hu. Minn hawn l-affarijiet marru ħarir. Id-Dipartiment tal-Agrikoltura ta lil Paul sena vaganza għall-emigrazzjoni, li estendieha għal sentejn, u kien organizzat kunċert b'risq Paul fil-Lukanda Phoenicia fit-28 ta' Mejju. Xahar wara, fl-1 ta' Ġunju, 1950 Paul sellem lil martu, lil uliedu u lill-ġenituri tiegħu u tar lejn Ruma.

Ftit xhur wara l-wasla tiegħu hemm, fejn alloġġja għand zijet martu, Egloge, li kienet taf lil Malta sew għax ġieli ġiet ma' żewġha jkantaw bħala kor fit-Teatru, Alberto Leoni ħa lil Paul għal laqgħa u prova mal-impreżarju Fernando Grassi, li qabbdu jkanta Manrico f'Il Trovatore, ma' kumpanija li kienet qed iddur it-teatri muniċipali f'Calabria.

F'Mejju tal-1951 sar jaf li kien wieħed minn 12-il kantant, magħżul minn aktar minn 200 kompetitur biex jidher fi Spoleto f'Settembru. Min jingħażel kien se jingħata borża ta' 40,000 lira Taljani fix-xahar biex ikopri

> "L-ewwel debutt ta' Paul f'Covent Garden kienet il-parti tal-kantant Taljan f'Der Rosenkavalier. Fil-kuntratt bħala solist ma' Covent Garden, Paul kellu l-permess li jkanta fejn irid meta ma jkunx meħtieġ għall-provi jew wirjiet





> **"Dik il-wirja ġabet mill-ġdid lil Paul taħt l-attenzjoni ta' kulħadd, tant li meta xahrejn wara, Tito Schipa ġie biex jagħti żewġ kunċerti mill-aqwa, Paul kien mistieden ikanta**

fejn joqgħod, jirċievi lezzjonijiet mingħajr ħlas minn Mro Luigi Ricci, li kien iħejjih biex ikanta Radames f'Aida.

Hu rnexxielu jingħażel u mill-għalliema kollha li studja magħhom tul il-karriera tiegħu, Paul jirrakkonta li sab li Ricci kien l-iktar għalliem li ispirah. Hu għallmu l-istil u l-interpretazzjoni u kien akkumpanja lill-ħbieb tiegħu bħal Gigli, Pinza, Caniglia, Gobbi, Magda Olivero u Chaliapin.

**Malta għal working holiday**

F'Ottubru tal-1951 Paul irritorna Malta għal working holiday. L-ammiraturi tiegħu iffullaw għall-kunċerti li ta f'Tas-Sliema u fil-Lukanda Phoenicia, fejn anki kanta f'funzjoni privata għall-Gvernatur Sir Gerald u martu Lady Creasy. Għall-ewwel darba, Paul mar ikanta wkoll f'Għawdex. Anki l-Istitut Kulturali Ingliż organizzalu kunċert, fejn kanta arji u ballati quddiem ħbiebu Maltin.

Mar lura l-Italja jaħdem mal-Ente Italiana Lirico Sinfonica u deher f'Aida f'Livorno, Tosca f'Tolentino, Il Trovatore fi Siena u Barletta, fejn kanta wkoll Carmen, Pagliacci f'Viterbo u Acquapendente u Pollione. Imbagħad, Norma fi Trapani, fi Sqallija.

Għal xi żmien, Paul kellu wkoll offerta mir-Royal Opera House biex ikanta f'Covent Garden, Londra, iżda dejjem qagħad jittratieni milli jiffirma kuntratt magħhom. L-invit kien wasallu bħala riżultat tal-entużjażmu li wera Edgar Evans fil-wirjiet li Paul ta fi Spoleto. Evans kien ingħaqad mal-Kumpanija Covent Garden sa mill-bidu tagħha fl-1946.

Covent Garden beda jindaga. Kiteb lill-Kummissjoni Għolja Maltija f'Londra biex ikun jaf fejn jinsab Paul. Imbagħad bagħatlu l-invit Ruma biex imur għal prova l-Ingilterra. Paul wieġeb li ma setax iħallas il-vjaġġ. It-tmexxija ta' Covent Garden weġbitu li se jibagħtulu passaġġ fil-Lukanda Quirinale. Ir-Royal Opera House tat kuntratt ta' sħubija.

Sas-sajf tal-1953 Paul kien stabbilit sew f'Londra u kien wasal fi tmiem it-tieni sitt xhur tal-kuntratt tiegħu bħala membru tal-kumpanija Covent Garden u kien ferħan bl-ewwel staġun tiegħu fid-Dar tal-Opra.

L-ewwel debutt ta' Paul f'Covent Garden kienet il-parti tal-kantant Taljan f'Der Rosenkavalier. Fil-kuntratt bħala solist ma' Covent Garden, Paul kellu l-permess li jkanta fejn irid meta ma jkunx meħtieġ għall-provi jew wirjiet. Għalhekk ħa l-okkażjoni.

**Jixbah lil Mario Lanza**

Ta' min isemmi li The Kensington News and West London Times irrappurtat: "Dan il-bniedem samrani, bi spallejh wesgħin, jixbah lil Mario Lanza". Hu kien ħa sehem fil-film The Girl of the Golden West. Covent Garden offra bosta opportunitajiet lil Paul, li kanta diversi opri magħrufa u tah l-aqwa unuri.

F'Diċembru tal-1954, Paul deher għall-ewwel darba mad-Dublin Grand Opera Society. Minn hemm kellu konnessjoni aktar mill-qrib max-xena mużikali Irlandiża u kanta ma' ċelebritajiet mill-aqwa, fosthom Tito Gobbi, Maria Caniglia, Anna Moffo u Rina Gigli.

F'Jannar tal-1955 ġie Malta mill-ġdid mal-Impresa Cantoni ta' Milan biex ikanta fit-Teatru Orpheum, il-Gżira. Kanta l-parti ta' Don Josè fil-Carmen.

Madanakollu, insibu li l-akbar suċċessi għal Paul kienu f'Wales, li pproduċa numru sew ta' vuċijiet tenorili.

Fl-1959 Paul reġa' kellu x-xogħol f'Malta mal-Impresa Cantoni. Tliet snin qabel, Luigi Cantoni miet f'pajjiżna wara li marad. Martu Ines, ħadet it-tmexxija u baqgħet iġġib lill-kumpanija fostna sal-1964 għal wirjiet fir-Radio City, fil-Gonna tal-Argotti u fit-Teatru Manoel.

Nistgħu ngħidu li l-karriera ta' Paul infirxet fuq 11–il sena, bl-aħħar kunċert tiegħu jkun fir-rebbiegħa tal-1961. Jistqarr li kieku dam iktar kien ikollu l-istess għarfien internazzjonali li laħaq Joseph Calleja.

Minn mindu rtira, Paul ma kantax aktar u martu Rina u l-familja ħadu gost li hu kien se jibqa' magħhom.

**Rigal minn Alla**

Paul qies il-laqgħa tiegħu mat-tenur żagħżugħ Joseph Calleja bħala rigal minn Alla u fl-1993 beda jagħtih it-tagħlim fil-vuċi, meta Joseph kien għad għandu 15–il sena. Wara biss xahrejn, Paul intebaħ x'talent qawwi kellu Joseph bħala tenur.

Fis-snin disgħin, Paul spiċċa armel iżda aktar tard reġa' żżewweġ lil Beatrice Zammit minn San Pawl il-Baħar. Flimkien, siefru kemm–il darba biex isegwu lit-tenur Calleja jesegwixxi l-partijiet li ngħatawlu fl-opri.

Paul miet fil-21 ta' April, 2015 fl-età ta' 92 sena u x-xewqa tiegħu kienet li fil-funeral ikantalu l-istess Joseph Calleja - xewqa li kienet aċċettata bil-qalb.